# Leħen il-Fgura

***Sena 59 Nru. 379 Frar 2026***



***Messaġġ mill-Kappillan***

**Ir-Randan: Żmien ta' Konverżjoni**

Ir-Randan huwa żmien ta' ċaħda u penitenza li jwassalna għall-festa tal-Għid il-Kbir. Ir-Randan hu żmien li fih il-Knisja tħeġġiġna biex neżaminaw lilna nfusna ħa naraw aħniex ngħixu l-magħmudija tagħna. Din tgħina nagħmluh b'diversi mezzi, prinċipalment bis-smigħ tal-Kelma t'Alla u bis-sehem tagħna fil-liturġija. Għalhekk isiru l-eżerċizzi, l-via sagra, iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali u speċjalment il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Għalhekk inħeġġeġ lil kulħadd biex dan iż-żmien tar-Randan ma naħluhx. Fil-parroċċa tagħna se jsiru erba' korsijiet ta' eżerċizzi. Nippruvaw nattendu għal xi kors minn dawn l-eżerċizzi.

Ir-Randan huwa wkoll żmien tajjeb biex nirrikonċiljaw ruħna ma' Alla permezz tal-qrar u bl-Ewkaristija nitqawwew f'ruħna kontra l-ġibdiet tal-ħażen. B'hekk ir-Randan għalina jkun jista' jilħaq l-aqwa tiegħu fil-Vġili tal-Għid meta niċċelebraw il-Qawmien tal-Mulej u nġeddu l-wegħdiet tal-magħmudija tagħna.

Filwaqt li nsellmilkom u nwegħdkom it-talb tiegħi, nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom l-Għid it-Tajjeb.

P. Raymond Calleja O. Carm
Kappillan

## Eżerċizzi tar-Randan
## Fil-Parroċċa tagħna tal-Fgura

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn 2 sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu<br>Għall-koppji fil-knisja parrokkjali<br>Filgħaxija wara l-quddiesa tas-6:30pm<br>Predikatur – Dun Brendan Gatt | Mit-Tnejn 9 sal-Ġimgħa 13 ta' Marzu<br>Għal kulħadd fiċ-ċentru pastorali<br>6:30pm – Quddiesa u priedtka fil-quddiesa.<br>Predikatur – P. Raymond Calleja O. Carm |
| Mit-Tnejn 16 ta' Marzu sal-Ġimgħa 20 ta' Marzu<br>Għal kulħadd fil-knisja parrokjaili<br>8:30am – Quddiesa u priedtka fil-quddiesa.<br>Predikatur – P. Juan Debono O.C.D. | Mit-Tnejn 23 sal-Ħamis 26 ta' Marzu<br>Għal kulħadd fil-knisja parrokjaili<br>6:30pm – Quddiesa u priedtka fil-quddiesa.<br>Predikatur – P. Alan Adami O.P. |

**"Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla mhux biss qari passiv, iżda stedina attiva biex issegwi lil Ġesù, li tbiddel il-ħajja u tqanqal azzjoni."**

***Papa Franġisku***

# Djarju tal-Parroċċa

| | |
|---|---|
| **Frar 2026** | |
| **L-Erbgħa 18** | **Ras ir-Randan u l-Erbgħa tal-Irmied** – Jum ta' Sawm u ma jiswix laħam<br>Fil-quddies kollu jsir it-tqegħid tal-irmied. |
| **Marzu 2026** | |
| **Mit-Tnejn 2 sal-Ġimgħa 6** | **Eżerċizzi għall-koppji fil-knisja parrokkjali**.<br>6:30pm: Quddiesa u wara priedtka tal-eżerċizzi minn Dun Brendan Gatt. |
| **Mit-Tnejn 9 sal-Ġimgħa 13** | **Eżerċizzi għal-kulħadd fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna.**<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka mill-Kappillan P. Raymond Calleja O. Carm. |
| **L-Erbgħa 11** | Ħarġa b'risq il-knisja – Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Mit-Tnejn 16 sal-Ġimgħa 20** | **Eżerċizzi għal kulħadd fil-knisja parrokkjali**.<br>8:30am: Quddiesa bil-priedtka tal-eżerċizzi minn P. Juan Debono OCD. |
| **Mit-Tnejn 16 sal-Erbgħa 18** | **Tridu ta' San Ġużepp**<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka fuq San Ġużepp. |
| **Il-Ħamis 19** | **Solennità ta' San Ġużepp – Ir-Raġel ta' Marija u Protettur tal-Ordni Karmelitan**<br>6:30pm: Quddiesa kantata solenni bil-priedtka fuq San Ġużepp. |
| **Mit-Tnejn 23 sal-Ħamis 26** | Eżerċizzi għal kulħadd fil-knisja parrokkjali.<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka tal-eżerċizzi. |
| **L-Erbgħa 25** | Ħarġa b'risq il-knisja – Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Il-Ġimgħa 27** | **Tifkira Devota tad-Duluri**<br>Il-Hin tal-Quddies filgħodu jkun fis-6:00am, 6:45am, 7:45am, 8:30am u 11:30am.<br>5:00pm: Via Sagra u fil-5:30pm: Quddiesa kantata.<br>Wara l-quddiesa jibda l-pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri li jgħaddi minn toroq Hompesch, San Tumas, Merħba, Venewwa, Kuluvert, San Xmun, Merħba, Sur, Hompesch, lura għall-knisja. Fit-8:00pm ikun hemm quddiesa oħra. |
| **Il-Ħadd 29** | **Ħadd il-Palm**<br>9:15am: Ċelebrazzjoni tat-tberik tal-palm u l-friegħi taż-żebbuġ quddiem il-kunvent fi Triq il-Karmelitani u wara purċissjoni sal-knisja parrokkjali fejn fid-9:30am tibda quddiesa kantata bil-qari tar-rakkont tal-passjoni. |
| **It-Tnejn 30** | **It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>6.00pm: Talba tar-Rużarju.<br>6:30pm: Quddiesa bit-talba tal-għasar.<br>7:15pm: Via Sagra mat-toroq tal-Fgura bl-istatwa ta' Ġesù Redentur li tibda mill-knisja u tgħaddi minn toroq Hompesch, Karmelitani, Kampanella, Sur, Vjal Kottoner, Tal-Gallu, Wistin Levanzin, Sant'Antnin, Hompesch lura għall-knisja. |
| **It-Tlieta 31** | **It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>Ċelebrazzjoni penitenzjali wara l-quddiesa tas-6:30pm. Ikun hawn saċerdoti disponibbli għall-qrar. |
| **April 2026** | |
| **L-Erbgħa 1** | **L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>6:00pm – Via Sagra<br>6.30pm – Quddiesa bl-għasar u bil-priedtka fuq il-passjoni tal-Mulej. |
| **Il-Ħamis 2** | **Ħamis ix-Xirka** - Filgħodu fil-knisja ma jkunx hemm quddies.<br>7.00am: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>6.30pm: Quddiesa tat-Tifkira tal-aħħar ikla tal-Mulej fejn isir il-ħasil tar-riġlejn.<br>Fi tmiem il-quddiesa issir it-translazzjoni bis-sagrament lejn l-artal tar-ripożizzjoni u immedjatament wara jibdew il-visti organizzati.<br>10.00pm: Adorazzjoni Solenni animata mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| **Il-Ġimgħa 3** | **Il-Ġimgħa l-Kbira** – Obbligu tas-sawm u ma jiswix laħam<br>Visti organizzati fis-6.00am, 8.00am u 10.00am.<br>7.00am: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum<br>9:00am: Adorazzjoni immexxija mill-membri tal-M.U.S.E.U.M tas-Subien.<br>2:30pm: Via Sagra<br>3.00pm: Azzjoni liturġika tat-tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. |

| | |
|---|---|
| **Is-Sibt 4** | **Sibt il-Għid** -Filgħodu fil-knisja ma jkunx hemm quddies.<br>7.00am: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>8.00pm: Vġili Solenni tal-Għid bir-riti tad-dawl u l-magħmudija. |
| **Il-Hadd 5** | **L-Għid il-Kbir**<br>9.30am: quddiesa kantata bis-sehem tat-tfal. Wara l-quddiesa jsir it-tberik u t-tqassim tal-figolli lit-tfal tal-parroċċa. |
| **Mit-Tnejn 6 sal-Ħadd 12** | **Ottava tal-Għid u jiem ta' Adorazzjoni**<br>Mill-5:30am sas-6:00am – Espożizzjoni fis-Skiet.<br>6:00pm: Tibda l-espożizzjoni u ružarju meditat u fis-6:30pm quddiesa.<br>Wara l-quddiesa tkompli l-espożizzjoni sat-8:00pm.<br>Is-Sibt filgħaxija l-espożizzjoni u r-rużarju jkunu fil-5:00pm. |
| **L-Erbgħa 8** | **Jibdew l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu**<br>Tul l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu fis-6:30pm ikollna quddiesa bl-omelija u wara ċelebrazzjoni Marjana u ċelebrazzjoni Ewkaristika.<br>Harġa b'risq il-knisja. Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Il-Hadd 12** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid u l-Festa tal-Ħniena Divina**<br>5:15pm: Talba tal-Għasar u adorazzjoni tal-Ħniena Divina<br>6:30pm: Quddiesa bl-Omelija. Wara, purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn Toroq Hompesch, Sur, Kampanella, Karmelitani, Hompesch, lura għall-knisja fejn tingħata l-barka sagramentali. |
| **L-Erbgħa 22** | Harġa b'risq il-knisja – Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Il-Hadd 26** | **Ir-Raba' Hadd tal-Għid u Jum il-Vokazzjonijijiet** |
| **Mejju 2026** | |
| **Il-Ġimgħa 1** | **Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem** |
| **L-Erbgħa 6** | Harġa b'risq il-knisja – Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Il-Ġimgħa 8** | 6.30pm: Quddiesa animata mill-membri tal-Museum bis-sehem tat-tfal fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ Preca. |
| **Is-Sibt 9** | **Festa ta' San Ġorġ Preca** |
| **Il-Hadd 10** | **Jum l-Omm**<br>Il-quddies kollu jkun għall-ommijiet ħajjin u mejtin |
| **Il-Hadd 17** | **Festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema** |
| **L-Erbgħa 20** | **L-aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu**<br>Harġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Hadd 24** | **Solennità ta' Għid il-Ħamsin** |
| **L-Erbgħa 27** | Ġurnata għal Għawdex. Tluq fis-6:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Hadd 31** | **Solennità tat-Trinità Qaddisa** |
| **Ġunju 2026** | |
| **L-Erbgħa 3** | Harġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Is-Sibt 6** | 6:45pm: Quddiesa tal-ewwel tqarbina. |
| **Il-Hadd 7** | **Solennità ta' Corpus Christi**<br>9:15am: Quddiesa tal-ewwel tqarbina. |
| **Mit-Tlieta 9 sal-Ħamis 11** | **Jiem ta' tħejjija għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù**<br>6:00pm: Ružarju quddiem Ġesù espost u fis-6:30pm quddiesa bl-omelija. Wara l-quddiesa tkompli l-adorazzjoni sat-8:00pm. |
| **Il-Ġimgħa 12** | **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**<br>6:00pm: Ružarju quddiem Ġesù espost<br>6:30pm: Quddiesa bis-sehem tat-tfal li jkunu għamlu l-ewwel tqarbina. Wara l-quddiesa ssir purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn toroq Hompesch, San Tumas, Mater Boni Consiglii, Pjazza Redent Gauci, Teknoloġija Moderna, Sur, Hompesch u lura għall-knisja fejn issir ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| **L-Erbgħa 17** | Harġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Hadd 21** | **Jum Il-Missier**<br>Il-quddies kollu jkun għall-missirijiet ħajjin u mejtin |
| **L-Erbgħa 24** | Ġurnata għal Għawdex. Tluq fis-6:30am minn quddiem il-knisja. |
| **It-Tnejn 29** | **Solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl** |



**Il-Kappillan, il-Pirjol**
**u l-Komunita Karmelitana flimkien**
**mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw l-Għid it-Tajjeb**
**lil kulħadd.**



# Bazaar ta' Jum l-Omm

**mis-Sibt 9 sal Ħadd 24 ta' Mejju**
**Fis-Sala San Ġorġ Preca**
**9:00am – 12:00pm**
**4:00pm – 7:00pm**

**Hinijiet tal-Uffiċċju Parrokkajli**
It-Tnejn u s-Sibt mid-9:00am sal-10:00am
It-Tnejn u l-Erbgħa mill-5:00pm sas-6:00pm
Tel: 21827900 Mob: 99872677
Email: parrocca.fgura@maltadiocese.org jew carmfgu@onvol.net
Waqt it-tberik l-uffiċju parrokkjali jiftaħ fil-ħinijiet ta' filgħodu biss.
Filgħaxija b'appuntament wara s-7:00pm



**Mill-Messaġġ għar-Randan 2026 tal-Papa Ljun XIV**

Ir-Randan hu ż-żmien li fih il-Knisja, b'għożża ta' omm, tistedinna nerġgħu nqiegħdu l-misteru ta' Alla fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna, biex il-fidi tagħna terġa' ssib il-ħeġġa u l-qalb ma tintilifx qalb it-tħassib u d-distrazzjonijiet ta' kuljum.

Kull mixja ta' konverżjoni tibda meta nħallu l-Kelma ta' Alla tilħaqna u nilqgħuha bi ħlewwa tal-ispirtu. Allura hemm rabta bejn id-don tal-Kelma ta' Alla, l-ispazju ta' ospitalità li noffrulha u l-bidla li hija twettaq. Għalhekk, il-mixja tar-Randan issir okkażjoni tajba biex nifthu widnejna għal-leħen tal-Mulej u nġeddu d-deċiżjoni li nimxu wara Kristu, u miegħu nterrqu t-triq li titla' lejn Ġerusalemm, fejn iseħħ il-misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu.

Il-parroċċi tagħna, il-familji, il-gruppi ekkleżjali u l-komunitajiet reliġjużi huma msejħa biex fir-Randan jagħmlu flimkien mixja, li fiha s-smigħ tal-Kelma ta' Alla, kif ukoll tal-karba tal-foqra u tal-art, issir għamla ta' ħajja komuni, u s-sawm jgħin biex ikun hemm indiema vera. F'dan ix-xefaq, il-konverżjoni, barra l-kuxjenza ta' kull wieħed u waħda, tmiss ukoll l-istil tar-relazzjonijiet, il-kwalità tad-djalogu, il-ħila li nħallu r-realtà tinterrogana u nagħrfu dak li jorjenta tassew ix-xewqa, kemm fil-komunitajiet ekkleżjali tagħna, u kemm fl-umanità għatxana għall-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni.

Ejjew nitolbu l-grazzja ta' Randan li jiftħilna aktar widnejna għal Alla u għall-foqra. Nitolbu l-qawwa ta' sawm li jgħaddi wkoll mill-ilsien, biex jonqos il-kliem li jweġġa' u jikber l-ispazju għal-leħen tal-ieħor. U nħabirku biex il-komunitajiet tagħna jsiru mkejjen li fihom il-karba ta' min qed ibati ssib akkoljenza u s-smigħ inissel mixjiet ta' ħelsien, u jagħmilna iktar pronti u attenti biex ngħinu ħalli tinbena ċ-ċiviltà tal-imħabba.